# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **7 TA' JANNAR 2018**

**Stedina lill-Koppji li żżewġu matul is-sena li għaddiet**
Illum, is-Sibt 6 ta' Jannar 2018 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, Mons. Arcisqof se jiltaqa' personalment mal-koppji li żżewġu matul is-sena li għaddiet. Il-quddiesa tibda fil-5.30pm.

**Magħmudija Komunitarja**
Għada / Illum il-Ħadd 7 ta' Jannar 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Il-Magħmudija tal-Mulej**
It-Tnejn 8 ta' Jannar 2018 hija l-festa tal-Magħmudija ta' Ġesù, li fiha niftakru wkoll fil-jum tal-Magħmudija tagħna. Aħna lkoll ġejna mgħammdin, ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dar-rigal billi nistednukom għall-quddiesa tas-6.00pm li fiha ser inġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija tagħna.

**Grupp Kelma tal-Ħajja**
It-Tnejn 8 ta' Jannar 2018 fis-6:30pm ser jiltaqa' l-Grupp tal-Kelma tal-Ħajja fil-Knisja Parrokkjali.

**Grupp tal-Anzjani tal-Ispirtwalità**
L-Erbgħa 10 ta' Jannar 2018, il-Grupp tal-Anzjani tal-Ispirtwalità qed jorganizzaw *Christmas Lunch*.

**Kors ta' Kana**
Il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2018 fis-Sala Sant'Anna fis-7.30pm jibda l-Kors ta' Kana għall-għarajjes.

**Stedina lill-Koppji għarajjes**
Is-Sibt 13 ta' Jannar 2018 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, Mons. Arċisqof se jiltaqa' personalment mal-koppji għarajjes. Il-quddiesa tibda fil-5:30pm.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Is-Sibt 13 ta' Jannar 2018 fil-Knisja Sant'Elena Birkirkara fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**_Afternoon Tea_ fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 14 ta' Jannar 2018 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 16 ta' Jannar 2018 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Btieti, Triq Sant'Antnin u Triq Żinżell.**

It-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Ħortan.**

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 18 ta' Jannar 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Ejjew Għandi**

Il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2018 fil-Parroċċa tagħna fis-7.30pm ser issir il-laqgħa 'Ejjew Għandi' mmexxija minn Fr Hayden flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani. Il-laqgħa tikkonsisti fix-xandir tal-Kelma ta' Alla u Adorazzjoni Ewkaristika. Fl-aħħar isir talb għall-fejqan fuq min ikun jixtieq. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.